SECONDARY SCHOOLS

# ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 4 RELIGION Time: 1½hours

Name__________________________________ Class___________________

## L-EWWEL SEZZJONI

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. Semmi żewġ reliġjonijiet mhux insara.

2. Għaliex il-bniedem hu l-quċċata tal-ħolqien?

3. Għid x'inhi parabbola u agħti eżempju?

4. X'inhuma l-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa?

5. Min kien is-sultan li ġab għaqda politika fost il-poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim?

6. Liema huma ż-żewġ taqsimiet ewlenin tal-Quddiesa?

7. Semmi miraklu ta' fejqan li wettaq Ġesù.

8. Għaliex għandna nisimgħu l-quddies fil-Jum tal-Ħadd?

9. Liema ktieb mit-Testment il-Qadim ikellimna dwar id-dnub ta' l-ewwel bnedmin?

10. Ġesù, meta waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija?

(20 marka)

IT-TIENI SEZZJONI

X'tifhem b'dawn il-kliem ta' hawn taħt:

1. L-Ispirazzjoni fil-Bibbja ______________________________

2. Il-Knisja ______________________________

3. L-Evanġelju ______________________________

4. Rikonċiljazzjoni ______________________________

5. Konċilju Vatikan II ______________________________

6. L-Ewkaristija ______________________________

7. Il-Griżma tal-Morda ______________________________

8. Il-Patt tas-Sinaj ______________________________

9. L-Esodu ______________________________

10. L-Iskrittura Mqaddsa ______________________________________________

______________________________________________

(30 marka)

IT-TIELET SEZZJONI

Imla l-vojt b'dawn il-kliem t'hawn taħt:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| miżmuma, | nefaħ, | Ħudu, | d-dixxipli, | lilkom, |
| f'nofshom, | taħfrulhom, | Is-sliem, | imbeżżgħa, | ferħu |

Dak il-Ħadd filgħaxija, meta ______________ kienu flimkien ____________ mill-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad ____________ u qalilhom: "______________ għalikom." Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ______________ meta raw lill-Mulej.

Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-Sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat ________________." Kif qal hekk, ______________ fuqhom u qalilhom: "__________ l-Ispirtu s-Santu: Dawk li _______________ dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu ___________."

(Ġw 20, 19-23)

(10 marki)

IR-RABA' SEZZJONI

Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:

1. "Il-Knisja bdiet tgħix u taħdem dak in-nhar ta' l-Għid il-Ħamsin"

a) Irrakonta x'ġara f'Pentekoste?

b) X'bidla seħħet fl-appostli bil-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu?

c) Għid kif l-Ispirtu s-Santu, li rċevejnieh fil-Magħmudija u fil-Griżma ta' l-Isqof, igħinna nkunu membri veri tal-Knisja.

2. "Il-Bibbja huwa l-aktar ktieb imxerred u studjat f'Malta u fid-dinja"

a) Għid għaliex nqisu l-Bibbja bħala l-Kelma t'Alla.

b) Semmi żewġ personaġġi mit-Testment il-Qadim u spjega fit-tul x'sehem kellhom fil-pjan tas-Salvazzjoni.

c) Għid għaliex huwa mportanti li aħna naqraw il-Bibbja u fisser kif il-Kelma t'Alla tista' tkun ta' għajnuna fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

3. "Għax Ġesù huwa Bniedem tassew u fl-istess ħin Alla tassew, Ġesù huwa l-ideal għal kull bniedem"

a) Uri b'żewġ eżempji kif Ġesù kien tassew bniedem ta' qalb kbira u ġeneruża u lest li jgħin lil kulħadd.

b) Wara l-qawmien Ġesù deher lid-dixxipli ta' Għemmaws. Irrakonta din il-ġrajja.

c) Għid xi tfisser, tilqa' lil Ġesù u timxi warrajh.

4. "U ħares Alla lejn kull ma għamel u, ara, kollox kien tajjeb ħafna"

a) Agħti t-tifsir ta' dawn is-simboli li jissemmew fir-rakkont tal-ħolqien:

   i. Is-siġra tal-ħajja

   ii. Is-siġra tat-tagħrif it-tajjeb u l-ħażin

   iii. Is-serp li jkellem lil Eva

b) Jekk Alla ħalaq kollox tajjeb minn fejn ġej il-ħażen?

c) i. X'effett qiegħed iħalli l-ħażen fi żmienna llum?

   ii. Għid kif nistgħu ngħelbuh.

(40 marka)